A.L. 113 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 17)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 17).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-23 ta' Ottubru, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Żewġ blokki kontigwi ta' appartamenti, u *garages*, li jagħmlu parti minn "Binja Vista" f'Birkirkara, kif ġej:

(a) Blokk 2 Entratura C

Blokk ta' tmien flats li jagħmlu parti minn "Binja Vista" f'Birkirkara.

Il-flats imsemmija huma kull wieħed minnhom aċċessibbli minn bieb intern enumerat minn 1 sa 8 li hemm aċċess għalihom minn entrata komuni li ma għandhiex numru uffiċjali iżda li fuqha hemm miktub Blokk 2 Entratura C.

L-imsemmi blokk huwa konfinat mit-Tramuntana bi Triq Gorse u mill-Punent u Lvant ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) Blokk 2 Entratura D

Blokk ta' tmien flats, u tliet *garages* taħthom, li jagħmlu parti minn "Binja Vista" f'Birkirkara.

Il-flats imsemmija huma kull wieħed minnhom aċċessibbli minn bieb intern enumerat minn 1 sa 8 li hemm aċċess għalihom minn entrata komuni li ma għandhiex numru uffiċjali iżda li fuqha hemm miktub Blokk 2 Entratura D fi Triq il-Konti G. A. Ciantar.

It-tliet *garages* sottostanti huma kull wieħed minnhom aċċessibbli minn bieb indipendenti mingħajr numru fi Triq Gorse.

L-imsemmi blokk huwa konfinat mit-Tramuntana ma' Triq Gorse, mil-Lvant ma' Triq il-Konti G. A. Ciantar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

Dawn il-blokki flats u *garages* jinsabu delineati bl-aħdar fuq il-pjanta L.D. 184/92/1.

(2) Flat numru 32, Triq Joseph Stivala, Paola (Tenement No. 61799).

(3) Flat numru 1, Blokk III, De La Cruz Avenue, Qormi (Tenement No. 64180).

(4) Flat numru 9, Blokk 9, Bieb B, Triq il-Ġilju, San Ġwann (Tenement No. 69898).

(5) Flat numru 9, Blokk 18, Bieb B, Triq il-Ġilju, San Ġwann (Tenement No. 73419).

(6) Maisonette bin-numru 8, Vjal in-Naspli, San Ġwann (Tenement No. 65020).

(7) Flat numru 2, Blokk A, Triq Annetto Caruana, Tarxien (Tenement No. 70260).